# REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) 2021/1960

## tal-11 ta' Novembru 2021

## li jimplimenta r-Regolament (UE) 2019/1890 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-attivitajiet ta' tħaffir mhux awtorizzat tat-Turkija fil-Lvant tal-Mediterran

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2019/1890 tal-11 ta' Novembru 2019 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-attivitajiet ta' tħaffir mhux awtorizzat tat-Turkija fil-Lvant tal-Mediterran ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 12(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fil-11 ta' Novembru 2019, il-Kunsill adotta r-Regolament (UE) 2019/1890.

(2) Abbażi ta' rieżami tal-miżuri, l-entrati fil-lista ta' persuni fiżiċi u ġuridiċi, entitajiet jew korpi li tinsab fl-Anness I għar-Regolament (UE) 2019/1890 jenħtieġ li tiġi aġġornata.

(3) L-Anness I għar-Regolament (UE) 2019/1890 jenħtieġ li jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-Anness I għar-Regolament (UE) 2019/1890 huwa emendat kif jinsab fl-Anness għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-11 ta' Novembru 2021.

*Għall-Kunsill*
*Il-President*
Z. POČIVALŠEK

([1]) ĠU L 291, 12.11.2019, p. 3.

*ANNESS*

Fl-Anness I għar-Regolament (UE) 2019/1890, l-entrati 1 u 2 huma sostitwiti b'dan li ġej:

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| "1. | Mehmet Ferruh AKALIN | Data tat-twelid: 9.12.1960<br>Numru tal-passaport jew tal-karta tal-identità: 13571379758<br>Nazzjonalità: Torka<br>Ġeneru: maskil | Mehmet Ferruh Akalın huwa Viċi President (Assistant General Manager) u membru tal-Bord tad-Diretturi tat-Turkish Petroleum Corporation (TPAO). Huwa l-kap tad-Dipartiment tal-Esplorazzjoni tat-TPAO.<br>Fil-kapaċità tiegħu bħala Viċi President tat-TPAO u kap tad-Dipartiment għall-Esplorazzjoni tagħha, Mehmet Ferruh Akalın huwa responsabbli għall-ippjanar, id-direzzjoni u l-implimentazzjoni tal-attivitajiet tat-TPAO għall-esplorazzjoni għall-idrokarburi fil-baħar. Dawk jinkludu l-attivitajiet ta' tħaffir tat-TPAO li ma ġiex awtorizzat mir-Repubblika ta' Ċipru, kif jidher hawn taħt.<br>Dawk l-attivitajiet ta' tħaffir mhux awtorizzat twettqu minn:<br>(a) il-bastiment tat-TPAO għat-tħaffir Yavuz fil-baħar territorjali tar-Repubblika ta' Ċipru bejn Lulju u Settembru 2019;<br>(b) il-bastiment tat-TPAO għat-tħaffir Yavuz f'parti miż-żona ekonomika esklussiva tar-Repubblika ta' Ċipru nnotifikata minnha lin-Nazzjonijiet Uniti u delimitata fi ftehim mal-Eġittu, bejn Ottubru 2019 u Jannar 2020;<br>(c) il-bastiment tat-TPAO għat-tħaffir Yavuz f'parti miż-żona ekonomika esklussiva tar-Repubblika ta' Ċipru nnotifikata minnha lin-Nazzjonijiet Uniti u delimitata fi ftehim mal-Eġittu, kif ukoll fi ftehim mal-Iżrael, bejn Jannar u April 2020;<br>(d) il-bastiment tat-TPAO għat-tħaffir Yavuz f'parti miż-żona ekonomika esklussiva tar-Repubblika ta' Ċipru nnotifikata minnha lin-Nazzjonijiet Uniti u delimitata fi ftehim mal-Eġittu, bejn April u Ottubru 2020;<br>(e) il-bastiment tat-TPAO għat-tħaffir Fatih f'parti miż-żona ekonomika esklużiva tar-Repubblika ta' Ċipru nnotifikata minnha lin-Nazzjonijiet Uniti, qrib ħafna għall-baħar territorjali tagħha, bejn Novembru 2019 u Jannar 2020;<br>(f) il-bastiment tat-TPAO għat-tħaffir Fatih f'parti tal-punent taż-żona ekonomika esklussiva tar-Repubblika ta' Ċipru nnotifikata minnha lin-Nazzjonijiet Uniti, bejn Mejju u Novembru 2019. | 27.2.2020 |

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 2. | Ali Coscun NAMOGLU | Data tat-twelid: 27.11.1956<br>Numru tal-passaport jew tal-karta tal-identità: 11096919534<br>Nazzjonalità: Torka<br>Ġeneru: maskil | Ali Coscun Namoglu huwa l-Viċi Direttur tad-Dipartiment għall-Esplorazzjoni tat-Turkish Petroleum Corporation (TPAO).<br>F'dik il-kapaċità, Ali Coscun Namoglu huwa involut fl-ippjanar, id-direzzjoni u l-implimentazzjoni tal-attivitajiet tat-TPAO għall-esplorazzjoni għall-idrokarburi fil-baħar. Dawk jinkludu l-attivitajiet ta' tħaffir tat-TPAO, li ma ġewx awtorizzati mir-Repubblika ta' Ċipru, kif jidher hawn taħt.<br>Dawk l-attivitajiet ta' tħaffir mhux awtorizzat twettqu minn:<br>(a) il-bastiment tat-TPAO għat-tħaffir Yavuz fil-baħar territorjali tar-Repubblika ta' Ċipru bejn Lulju u Settembru 2019;<br>(b) il-bastiment tat-TPAO għat-tħaffir Yavuz f'parti miż-żona ekonomika esklussiva tar-Repubblika ta' Ċipru nnotifikata minnha lin-Nazzjonijiet Uniti u delimitata fi ftehim mal-Eġittu, bejn Ottubru 2019 u Jannar 2020;<br>(c) il-bastiment tat-TPAO għat-tħaffir Yavuz f'parti miż-żona ekonomika esklussiva tar-Repubblika ta' Ċipru nnotifikata minnha lin-Nazzjonijiet Uniti u delimitata fi ftehim mal-Eġittu, kif ukoll fi ftehim mal-Iżrael, bejn Jannar 2020 u April 2020;<br>(d) il-bastiment tat-TPAO għat-tħaffir Yavuz f'parti miż-żona ekonomika esklussiva tar-Repubblika ta' Ċipru nnotifikata minnha lin-Nazzjonijiet Uniti u delimitata fi ftehim mal-Eġittu, bejn April u Ottubru 2020;<br>(e) il-bastiment tat-TPAO għat-tħaffir Fatih f'parti miż-żona ekonomika esklużiva tar-Repubblika ta' Ċipru nnotifikata minnha lin-Nazzjonijiet Uniti, qrib ħafna għall-baħar territorjali tagħha, bejn Novembru 2019 u Jannar 2020;<br>(f) il-bastiment tat-TPAO għat-tħaffir Fatih f'parti tal-punent taż-żona ekonomika esklussiva tar-Repubblika ta' Ċipru nnotifikata minnha lin-Nazzjonijiet Uniti, bejn Mejju u Novembru 2019. | 27.2.2020" |